10/01/2024: SFCU 001.24 - VRD

**Gwida VRD-AHWD rigward ir-Regoli tal-2022 dwar il-Produzzjoni u l-Bejgħ tal-Ħalib u Prodotti Tradizzjonali Magħmula mill-Ħalib.**

Dawn li ġejjin huma linji gwida għall-Avviż Legali 321 ta' 2022 li ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,969, tat- 2 ta' Diċembru, 2022 rigward il-Produzzjoni u l-Bejgħ tal-Ħalib u Prodotti Tradizzjonali Magħmula mill-Ħalib.

*Dawn il-linji gwida ma jkoprux il-proċedura għall-applikazzjoni għat-trobbija, iż-żamma u t-trobbija tan-nagħaġ, tal-mogħoż, u annimali oħra. Għal aktar informazzjoni dwar dan tal-aħħar, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-Taqsima tas-Saħħa tal-Annimali fi ħdan il-VRD fuq Tel: 22925346.*

Dawn ir-regoli ġew miġbura fil-qosor hawn taħt:

1. It-tqegħid fis-suq f'Malta ta' ħalib nej maħsub għall-ipproċessar jew għall-konsum dirett mill-bniedem, huwa **pprojbit.**

2. Kwalunkwe prodott tal-ħalib magħmul minn ħalib mhux ipproċessat għandu jirrispetta r-regolamenti rilevanti tad-direttiva tat-tikkettar u għandu jinkludi: "magħmul minn ħalib nej" fuq it-tikketta.

3. Ebda persuna ma għandha tbigħ ħalib jew prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib sakemm dawn ma jkunux ġew prodotti u ttikkettati kif meħtieġ u skont dawn ir-regoli.

## A. Raħħala li għandhom iktar minn total ta' seba' (7) nagħġiet u/jew mogħżiet reġistrati (tnax-il xahar jew ikbar):

1. L-istabbilimenti kollha tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, inklużi dawk tradizzjonali magħmula mill-ħalib, għandhom jiġu **approvati** mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) u rreġistrati mal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà tal-Ikel (FSC), ċioè jiġu mogħtija numru tal-approvazzjoni (**DP XXX**) wara serje ta' spezzjonijiet sabiex jiġu verifikati l-kriterji meħtieġa.

2. Il-prodotti tal-ħalib u prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib iridu joriġinaw minn **stabbiliment approvat** sabiex jitqiegħdu fis-suq, jinbiegħu bl-ingrossa, jinbiegħu bl-imnut, jew direttament lill-konsumatur aħħari mir-razzett jew minn kwalunkwe fond relatat jew minn xi post ieħor.

3. Dan l-istabbiliment irid ikun mgħammar b'kamra tal-produzzjoni li trid tintuża **biss** għall-użu speċifiku tal-ipproċessar ta' prodotti magħmula mill-ħalib nej. L-ipproċessar jista' jsir f'fond relatat ta' sid l-annimali.

4. Il-produtturi għandhom ukoll l-għażla li jbigħu l-ħalib **kollu** tan-nagħaġ u l-mogħoż lil terzi persuni li huma approvati biex jixtru l-ħalib sakemm dan isir **b'kuntratt bejn it-tnejn**. Kopja ta' dan il-kuntratt irid jiġi sottomess lill-VRD. F'dan il-każ, ir-razzett għandu bżonn biss reġistrazzjoni.

5. Dawn ir-regolamenti jikkonċernaw biss annimali ħallieba li jipproduċu ħalib intenzjonat għal konsum uman. Għaldaqstant, merħliet li għandhom aktar minn total ta' seba' (7) nagħġiet u/jew mogħżiet li jipproduċu ħalib li mhux intenzjonat għal proċessar għal konsum uman, jistgħu jiġu eżentati mill-ħtieġa tal-approvazzjoni. Biex jiġu eżentati, is-sid irid jagħmel is-segwenti:

a. Jidħol fuq is-sit elettroniku e-servizz u jimla l-formula ta' dikjarazzjoni. Din hija dikjarazzjoni li l-ħalib kollu tan-nagħaġ u mogħoż tiegħu mhux ser jitpoġġa fuq is-suq għal konsum uman.

jew

b. Jagħmel l-istess dikjarazzjoni għand nutar u jissottomettiha lid-Direttorat.

6. Jekk id-dikjarazzjoni msemmija f'punt (5) hawn fuq tinstab li kienet falza, bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli, id-Direttur VRD jista' jimponi penali ammistrattivi (multa), u/jew, jieħu passi oħra, inkluż is-sekwestru ta' prodotti.

## B. <u>Raħħala li m'għandhomx aktar minn total ta' seba' (7) nagħġiet u/jew mogħżiet reġistrati (tnax-il xahar jew ikbar):</u>

1. Prodotti tal-ħalib jew prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib li ser jiġu **kkunsmati minn sid l-annimali jew mill-familja diretta tiegħu** li jgħixu fl-istess dar ta' sid l-annimali, jistgħu jiġu prodotti f'razzett jew f'fond relatat **barra mir-regoli** stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 852/2004 u bir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.

2. Il-prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib jistgħu jinbiegħu permezz ta' bejgħ mir-razzett u/jew, minn suq fil-beraħ, **jekk** ir-razzett u l-fond relatat huma reġistrati skont ir-Regolament (KE) 852/2004 u josservaw ir-rekwiżiti tal-iġjene stabbiliti fih.

3. Produtturi li għandhom inqas minn seba' (7) bhejjem tal-ħalib, iżda jridu jqiegħdu prodotti tal-ħalib fis-suq jeħtieġ li jsegwu r-regoli kif imsemmi fit-taqsima A.

## C. <u>It-tqegħid ta' Prodotti tal-Ħalib Tradizzjonali fis-Suq</u>

Kwalunkwe persuna li tqiegħed fis-suq f'Malta prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib skont dawn ir-regoli għandha tosserva wkoll ċerti miżuri stabbiliti fl-iskeda:

1. Ħalib nej **tal-baqar** li jkun ser jintuża għall-produzzjoni jrid jissodisfa ċerti kriterji rigward l-għadd ta' mikro-organiżmi kif ukoll l-ammont ta' ċelloli somatiċi.

2. Ħalib nej tan-**nagħaġ u l-mogħoż** li jkun ser jintuża għall-produzzjoni jrid jissodisfa ċerti kriterji rigward l-għadd ta' mikro-organiżmi.

3. Il-ħalib nej tal-baqar, nagħaġ u mogħoż irid jiġi analizzat ukoll għall-preżenza ta' residwi antibijotiċi. Dan il-ħalib ma' jistax jinbiegħ jekk hemm dawn ir-residwi.

4. L-analiżi ta' dan il-ħalib jeħtieġ li ssir fuq kampjun individwali **kull ħmistax-il ġurnata**.

5. Kull meta r-riżultat tal-analiżi jabeż il-limiti tal-kriteri stabbiliti fil-liġi, il-produttur irid javża lill-VRD u jieħu passi biex jirranġa s-sitwazzjoni.

6. Il-ħalib nej jista' jinżamm f'temperatura ta' mhux aktar minn 37°C u li jiġi użat fi żmien sagħtejn mill-ħlib għall-produzzjoni ta' prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib.

7. Sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jintużaw il-metodi tradizzjonali għall-produzzjoni ta' dawn il- prodotti huwa permessibbli li:

a. In-nagħaġ u l-mogħoż jinħalbu bl-idejn. Madanakollu, il-ħlib irid isir f'maħleb li ma jinsabx fl-istess post fejn jinżammu u jkunu qegħdin jitrabbew l-annimali fir-razzett.

b. Il-ħalib għandu jitqiegħed ġo kontenitur tajjeb għall-kuntatt mal-ikel u m'hemmx għalfejn jitkessaħ jekk dan ikun ser jintuża għall-produzzjoni ta' prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib fi żmien sagħtejn (2) minn x'ħin isir il-ħlib.

c. Il-kontenitur bil-ħalib jista' jinġarr mingħajr ma jinżamm fil-kesħa sakemm il-vjaġġ bejn fejn isir il-ħlib u fejn issir il-produzzjoni ta' prodotti tradizzjonali magħmula mill-ħalib ma jkunx itwal minn sittin (60) minuta.

d. Il-baqta tista' titqiegħed fi qwieleb tas-simar, jew qasab jew f'forma tal-plastik tajjeb għall-kuntatt ma' affarjiet tal-ikel.

e. Il-tnixxif tal-prodotti tradizzjonali magħmulin mill-ħalib jista' jsir f'qanniċ jew nemusiera.

f. Il-ħażna tal-prodott tradizzjonali magħmul mill-ħalib imnixxef jew trattat b'xi mod ieħor jista' jsir f'post li m'għandux regolatur tat-temperatura u jista' jinżamm f'temperatura ambjentali.

8. Meta l-prodott tradizzjonali magħmul mill-ħalib jitqiegħed fis-suq, dan għandu jkun ippakkjat **b'marka ta' identifikazzjoni** li titqiegħed b'tali mod li jkun **issiġillat** u li wara l-ftuħ, it-tikketta tiċċarrat sabiex il-materjal tat-tgeżwir jew tal-imballaġġ **ma jkunx jista' jerġa' jintuża ladarba jinfetaħ.**

## D. <u>Reati u Peni</u>

Jekk ir-regoli hawn fuq imsemmija ma jiġux osservati, id-Direttorat jieħu azzjoni ta' infurzar skont l-Att tas-Servizzji Veterinarji KAP 437 li jista' jinkludi penali amministrattivi (multi) u sekwestru ta' ħalib u prodotti tal-ħalib. Jekk il-produttur jikser xi dispożizzjoni tal-Att imsemmi, jew regolamenti relatati, u jinstab ħati, il-Qorti tista', minbarra kull piena oħra, tordna li dawk l-annimali, strumenti, tagħmir, prodotti, jew sustanzi użati fil-kummissjoni tal-kriminalità huma kkonfiskati. Jekk il-persuna tinstab ħatja għat-tieni darba, il-permess jista' jiġi sospiż.

Għal aktar dettalji, l- A.L. 321 ta' 2022 tista' tinsab fuq is-sit elettroniku:
https://agricultureservices.gov.mt/en/vrd/Pages/traditionalDairySection.aspx

Għal aktar informazzjoni ikkuntattjaw is-Sezzjoni tal-Iġjene tal-Ħalib li tinsab fi ħdan id-Direttorat tas-Servizzji Veterinarji bejn il-ħinijiet ta' 07:00 – 15:00 fuq: 22925190/22925194/22925336

Tistgħu wkoll tibagħtu SMS fuq 99597785 b'isimkom, l-indirizz, numru tal-Karta tal-Identità, in-numru tal-permess u n-numru ta' nagħaġ/mogħoż fuq ir-razzett.

*Eżempju:*

*Mario Brincat*
*0000000(M)*
*27, Triq il-Fjuri, L-Ibraġġ*
*R0729*
*8 nagħġiet, 4 mogħżiet.*

VETERINARY REGULATION DIRECTORATE MALTA
VETERINARY REGULATION DIRECTORATE FL 044 15 FEB 2024

Direttur DRV